



2023/2298

25.10.2023

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2298

tat-18 ta' Ottubru 2023

**li japprova l-emenda tal-Unjoni fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tad-Denominazzjoni ta' Oriġini
Protetta "La Mancha"**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 99(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-emendi tal-Unjoni għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta "La Mancha", imressqa minn Spanja f'konformità mal-Artikolu 97(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 flimkien mal-Artikolu 105(3), l-ewwel subparagrafu, ta' dak ir-Regolament.
- (2) Il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-emenda tal-Unjoni għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ⁽²⁾, kif meħtieġ mill-Artikolu 97(4) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 flimkien mal-Artikolu 105(3), l-ewwel subparagrafu, ta' dak ir-Regolament.
- (3) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni f'konformità mal-Artikolu 98 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li l-emendi tal-Unjoni fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tiġi approvata f'konformità mal-Artikolu 99(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emenda tal-Unjoni għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* rigward l-isem "La Mancha" (DOP) hija b'dan approvata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Ottubru 2023.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President,
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽²⁾ ĠU C 215, 19.6.2023, p. 32.